# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 23 ta' Marzu, 2001 .

### Citazzjoni numru : 171/00G1(PC)

**Peter Paul u Mary Rose konjugi Camilleri ghan-nom u bhala legittimi rapprezentanti ta' binthom minuri Charmaine Camilleri .**

**VS**

**Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ic-citazzjoni illi permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi l-att tat-twelid ta' binthom minuri, Charmaine Camilleri, liema att tat-twelid igib in-numru progressiv ta' mitejn u hamsa u sebghin tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (275/1997) huwa zbaljat kemm fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" kif ukoll taht l-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" u dana peress illi binthom minuri jisimha u hija msejha bhala "CHARMAINE" u mhux "CHARMIAN";**

**Illi l-atturi nomine jridu jipprocedu ghal korrezzjoni tal-istess att tat-twelid hawn fuq imsemmi .**

**Talbu lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex :**

1. **Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid hawn fuq imsemmi fis-sens illi kemm fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" kif ukoll taht l-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "CHARMIAN" ghandu jigi sostitwit bl-isem "CHARMAINE" .**

**Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li minn issa 'l quddiem huwa mharrek .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi nomine skond il-ligi ikkonfermata bil-gurament ta' Peter Paul Camilleri .**

**Rat ukoll id-dokumenti annessi ma' l-istess citazzjoni, u cioe' bhala dokument "A", certifikat tat-twelid ta' Charmaine Camilleri, u bhala dokument "B", fidi tal-maghmudija ta' l-istess Charmaine Camilleri .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi eccepixxa :**

1. **Illi huwa m'huwiex edott mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba salv li jkunu l-ahjar u soddisfacenti skond il-ligi ;**

2. **Illi huwa m'ghandux ibati spejjez .**

3. **Salvi eccezzjonijiet ohra .**

**Rat ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut, ikkonfermata bil-gurament tan-Nutar Dr. Mary Debono Borg .**

**Semghet ukoll lill-attur Peter Paul Camilleri bil-gurament .**

**Il-Qorti, wara li rat dawn ic-certifikati u semghet lill-istess attur Camilleri, u peress illi jidhrilha illi t-talba hija gustifikata, tilqa' t-talba u tordna l-korrezzjoni ta' l-att tat-twelid indikat fic-citazzjoni, fis-sens illi kemm fir-raba kolonna taht l-intestatura "Ismijiet moghtijin" kif ukoll taht l-ahhar kolonna taht l-intestatura "Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "CHARMIAN" ghandu jigi sostitwit bl-isem "CHARMAINE" .**

**Minhabba n-natura ta' din il-kawza m'ghandux ikun hemm spejjez .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

S17100Pc